MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Numru. 424/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**

**vs**

**RAYMOND DALLI bin Emanuel u Antonia nee' Galea, imwieled fil-wiehed w ghoxrin ta' Awissu, 1975 u residenti 73, "Dar ir-Redentur", Triq Tumas Galea, Birkirkara, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 393375M**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **RAYMOND DALLI** bin Emanuel u Antonia nee' Galea, imwieled fil-wiehed w ghoxrin ta' Awissu, 1975 u residenti 73 'Dar ir-Redentur', Triq Tumas

Galea, Birkirkara, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 393375M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-tmintax [18] ta' Gunju 2006 fi Triq ix-Xlendi limiti ta' Fontana, Ghawdex ghal habta ta' tas-sitta neqsin kwart ta' filghodu:-

1. bhala sewwieq ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAN-756 saq l-istess vettura b'manjiera perikoluza.

2. talli habat ma vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAD-597 u kkaguna griehi ta' natura hafifa nvolontarjament fuq is-sewwieq taghha Simon Peter Farrugia u dan skond ma ccertifika Dr. C. Grech mill-Isptar Generali ta' Ghawdex.

3. talli verbalment hedded lil Simon Peter Farrugia sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta' Dottor Coronato Grech u l-okkorrenza relattiva.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Christian Cutajar, lil Daphne Dalli, lil Simon Farrugia u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju kif wkoll lil Adam Cassar prodott mid-difiza.
Ikkunsidraat:

Illi mill-provi prodotti l-akkuzi kollha jirrizultaw ppruvati ghas-sodisfazzjon tal-Qorti w ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1) tal-Kap 65, l-artikolu 221 u 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat RAYMOND DALI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' erbghin [40] lira maltin.

**Oltre dan ai termini tal-artikolu 15 proviso 1 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' gimgha mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------